MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 65/2014

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi r-rikorrenti izzewwget lill-intimat fit-8 ta’ Ottubru 2000 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal (twins) u cioe Luca u Martina li illum ghandhom hdax-il sena u ghalehkk ghadhom minorenni ;
2. Illi fil-25 ta’ Frar 2010 il-kontendenti infirdu permezz ta’ separazzjoni konsenswali ai termini tal-kuntratt ta’ separazzjoni pubblikat minn Nutar Louisa Vella Bardon – kopja legali hawn annessa u markata bhala Dokument ‘A’ ;
3. Illi ghalhekk isegwi illi huma ilhom ma jghixu flimkien ghal erba’ snin stante li l-intimat telaq mid-dar konjugali li kellhom fis-sena 2010, ftit qabel il-pubblikazzjoni tal-fuq imsemmi kuntratt ;
4. Illi ma hemm ebda prospett ta’ rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti ;
5. Illi ir-rikorrenti thoss li ghandha taqta’ kull rabta mal-intimat u tixtieq li tuzufruwixxi ruha minn dak li jipprovdi is-subtitolu IV tat-Titolu 1 tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (kif gie emendat bl-effetti tal-Att XIV tas-sena 2012) u allura li tiddivorzja minn ma zewgha b’mod li kull legam mieghu jinqata’darba ghal dejjem ;
6. Illi in kwantu jirrigwarda il-manteniment ghat-tfal minuri dan gia` gie mahsub ghalih sewwa f’dak li gie miftiehem fil-paragrafu 6 tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni ;
7. Illi il-partijiet huma t-tnejn residenti u domiciljati hawn Malta ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronuzja il-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti ghal ragunijiet fuq moghtija u cioe li ilhom separati legalment ghal aktar minn erba’ snin u peress li ma hemm ebda possibilita ta’rikonciljazzjoni bejniethom; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stabbilit minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku – kollox skont kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi, u kollox kif jigi ordnat minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

Illi huwa minnu li l-partijiet izzewgu gewwa Malta fit-8 ta’ Ottubru 2008 u li minn dan iz-zwieg kellhom tewmin li ghadhom minuri;

Illi huwa minnu li l-partijiet huma legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Louisa Vella Bardon fil-25 ta’ Frar 2010 ;

Illi huwa minnu li m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati *de facto* ghal dawn l-ahhar erba (4) snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;

Illi huwa jikkonferma li m’hemm l-ebda problema fir-rigward tal-manteniment ghaliex il-manteniment ghall-ulied kif mahsub fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni dejjem jigi vversat puntwalment ;

Illi ghalhekk l-esponenti jaqbel li l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta huma sodisfatti ;

Ghaldaqstant l-esponenti jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u huwa wkoll jitlob li dina il-Qorti tordna lir-Registru tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku u jsiru dawk l-annotazzjonijiet necessarji.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Marzu, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Frar 2010;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------